# IL-MILIED FUQ IR-RIG.

Guliermu kien ragel ta' sabar kbir; dak kollu li kien jigih kontra qalbu kien jiehu pacenzja kbira bih bla ma jgerger, imma dan ix-xahar ta' Dicembru ma jafx kif kien ser iqattghu fuq ir-rig taz-zejt gewwa l-Libja. Mhux ghax kien imbieghed mill-familja f'dawn iz-zminijiet ta' ferh, ghax gie li nzerta li jkun xoghol f'dawn iz-zminijiet mqaddsa, izda ghaliex din id-darba t-tifel tieghu Jake kien ser jaghmel il-priedka tal-Milied fil-knisja tar-rahal. Ma xtaqx jitilfu; kienet okazzjoni unika, jew din is-sena jew qatt.

Il-kappillan kien sodisfatt hafna bix-xoghol li ghamel il-katekist. Lil Jake, l-priedka ghallimhielhu tajjeb; fejn kellu jieqaf kien jaghmel pawsa, fejn kellu jitkellem baxx, kien ibaxxi lehnu u fejn kellu jaghmel xi movimenti b'idejh kien ixxejrihom bil-qies u bla ebda esegerazzjoni.

"Matilde," qal il-kappillan lil omm Jake," inti taf li Guliermu kien talabni biex jekk jista' jkun Jake jaghmel il-priedka s-sena d-diehla biex ikun prezenti ghaliha.  Jiena wegibtu li ghal sena ohra t-tifel ikun kiber. Ghalhekk gieni hsieb, li kollox jibqa' kif ippjanat u fassalt ftehim biex lil ibnu jisimghu xorta wahda minn fuq ir-rig. Bi hsiebni nibghathielhu awdjo fuq it-telefon cellulari waqt lit-tifel ikun qed jaghmel il-prirdka. Ghalissa titkellem ma' hadd hlief ma' zewgek biex lejlet il-Milied ikun ghal lest qrib il-hdax u nofs ta' bil-lejl biex meta ncemplulu jirrispondi t- telefon."

Matilde rringrazzjatu. Haga bhal din qatt ma ghadditielha minn mohha. "Ara kif ser itir bil-ferh, Guliermu," hasbet f'qalbha.

Lejliet il-Milied, il-knisja tar-rahal kienet mimlija daqs bajda bin-nies. Il-kor tal-parrocca beda' s-serata b'xi kant tal-Milied u fuq l-artal tfal li jmorru d-duttrina hadmu xi episodji bibblici dwar it-twelid tal-Messija. Imbaghad sar il-hin tant mistenni minn nies: il-priedka tat-tifel. Qabel ma nghata bidu ghall-priedka l-kappillan qam bil-wieqfa u ndirizza lill-gemgha hekk: " Gheziez hafna jafu li missier it-tifel Jake, Guliermu, jinsab fuq xoghol il-Libja u ghalhekk kien mpossibbli ghalih li jattendi. Rajt li xieraq li l-priedka tat-tifel tieghu jismaghha minn fuq ic-cellulari fuq ir-rig taz-zejt."




Il-kappillan ghamel sinjal b'rasu u Jake bil-libsa ta' abbatti hareg kunfidenti minn wara l-artal magguri u bil-berrettin ser jaqa' u ma jaqax minn rasu resaq lejn il-microfonu. Missier Jake kien qieghed f'kollegament mal-knisja bit-telfon fil-kamra tal-mistrieh tieghu. Mieghu kien hemm xi haddiem Maltin ohra li ma tilfux l-okazzjoni li jisimghu l-priedka tal-Milied tat-tifel.

In-nies zammet nifisha u ma tilfet ebda kelma milli qal. Xi whud mill-migemgha kienu bil-qieghda fuq tarf is-siggu. It-tmiem tal-priedka tieghu lahaq il-quccata tieghu meta qabel ma telaq sellem lil missieru u lil dawk il-maltin l-ohra li kien jahdmu fuq ir-rig u filwaqt li xtaqilhom il-

Milied it-tajjeb awguralhom li ma jdumux ma jinghaqdu mal-familji taghhom. Caqcip li jtarrax dewa' mal-knisja kollha. In-nies kollha qamet bil-wieqfa u ferrhitlu ghall-mod brillanti kif ippridka. Imbaghad Guliermu kellem il-kongregazzjoni u filwaqt li irringrazzja lill-kappillan ghall-hsieb gentili, xtaq lil kulhadd il-festi t-tajba. Kemm hbieb Guliermi kif ukoll missier Jake bdew icappcpu u jaghtuh il-prosit. Dan kien stimolu iehor biex il-migemgha terga' icappcap lil Jake. Imbaghad il-kollegament inqata' u gie fi tmiemu.

Fil-hin li Guliermu u shabu kienu qed icappcpu, mill-passagg kien ghaddej il-kaptan u s-sotto ufficjal tieghu. Il-kaptan kien bniedem twil u goff u harsa tieghu kienet bizzejjed biex tnissel fik ir-rispett. Ta' ingliz li kien halla l-baffi tikber u dan kompla jtih id-dehra ta' kaptan marittimu. Billi kien responsabbli tan-nies u r-rig, fil-hin liberu tieghu kien jistudja l-lingwi principali ta' nazzjonalitajiet li kellu jahdmu fuq ir-rig. Ghalkemm kellu biss idea ta' l-ilsien taghhom, imma meta kienu jitkellmu bejnithom kien jifhimhom.

Dan kif sema' l-istorbju habbat fuq il-bieb b'mod ta' awtorita' u ghajjat li jisimghuh minn gewwa: " Number 23 please open up the door. It is the captain speaking."

Guliermu fetah il-bieb u b'rispett kbir lejh sellimlu. " Lad what's your name?"

"William Sir," wiegbu Guliermu.

Il-kaptan li kien kburi bil-lingwa tieghu u li dejjem uza l-ilsien ingliz biex jikkomunika ma' dawn ta' tahtu, qallu li dak li kien qed jaghmel kien kontra kull regolament, billi festini fil-kabini ta' l-irqad kienu totalment projbiti. Ried spejga ta' dan il-ksur ta' regolament u ordna lis-sotto ufficjal biex jeskorta lil Guliermu fl-ufficju tieghu.

Guliermu spjegalu kollox u l-kaptan accetta dak li qallu. Imma ried jaf aktar dwar dawn l-uzanzi tal-Milied gewwa Malta. Kien sema' xi haga minghand xi Maltin, imma qatt ma dahal fil-qalba ta' dawn it-tradizzjonijiet.

Wara li qaghad jahseb ftit, il-kaptan qal lil Guliermu: " William what about your son coming here and delivers his Christmas sermon. I am sure that with some Christmas carols and his sermon, I will be organising something different for the guys here."

Il-pjan sar. " William, one point, your son and his mother will be here on the rig for only half an hour as you know well, no children are allowed on the rig.  But I will shoulder this responsibilty."

Kull spiza hallas ghaliha l-kaptan. Mill-ajruport rikbu l-helicopter biex waslu fuq ir-rig. Il-kaptan tahom merhba sabiha u wasalhom sal-kabina tieghu.  Ghal habta ta' nofs inhar kellu jibda' il-programm.

Il-haddiema kollha iltaqghu fis-sala ta' l-ikel. U kull minn kellu xi strument muzikali gabu mieghu. Il-laqgha bdiet billi kull nazzjonalita' kantat strofa mill-innu tal-Milied O LEJL TA' SKIET bl-ilsien taghhom. Imbaghad spiccaw flimkien ikantaw l-ahhar strofa bl-ingliz. Mal-kant tal-haddiema nghaqdu dawk li kellhom l-istrumenti muzikali. Deher li f'xi mumenti d-daqq ta' l-istrumenti kien stonat, izda dan ma dejjaq lil hadd, anzi, ghal kuntrarju dak il-hin qisu lilhom infushom bhala l-aqwa muzicisti.

Issa kien wasal il-hin tal-priedka. Guliermu hareg karta mill- but u qara s-suggett tal-priedka fil-qosor bl-ingliz biex kulhadd jasallu l-messagg. Waqghet hemda kbira fost il-haddiema hekk kif it-tifel imlibbes ta' qassis zghir, tela' fuq siggu, imbaghad fuq mejda biex jaghmel il-priedka tieghu. Bla ebda zball, bla  waqfien u b'abilta' kbira huwa tkellem fuq Gesu' li gie fid-dinja l-ewwel bhala bambin imbaghad bhala l-

messaggier ta' Alla biex ihabbeb il-bnedmin. Jake fl-ahhar spicca billi sellem lil Bambin bi tlett lingwi, bit-taljan, bl-ingliz u fl-ahhar bil-malti.

"O Gesu' habib tieghi ser inhallik, hu hsieb lili u lil dawn il-haddiem minn kull periklu. Sahha."

Ic-capcip kien wiehed twil u li jtarrax. Imbaghad ghenu lit-tifel jinzel minn fuq il-mejda u flimkien ma' ommu u missieru marru mill-gdid fil-kabina tal-kaptan.

Il-laqgha ntemmet billi kull gens ta' fuq ir-rig kanta l-ghanja tradizzjonali  tieghu tal-Milied.

Il-kaptan ferah lit-tifel u qallu: "Well done my boy." U tah kaxxa kbira bhala rigal. Jake fetaha u baqa' imbellah.  Kienet trejn li tahdem bl-eletriku kompluta b'kollox. Il-kaptan kien xtraha ghan-neputi tieghu meta jmur Londra ghall-btala. Izda bla ma nkweta xejn rega' ordna ohra li kellu jmur ghaliha meta jasal fuq it-terra ferma bil-helicopter.

"Jake my boy, you made my day. Long time ago I abondaned my catholic faith but now I must make amends."

U missieru wiegeb lill-kaptan: "Sir, while thanking you again on his behalf, may I say that you have made him his day too."

L-equipagg tar-rig kien kuntent u l-kaptan aktar minnhom billi tahom ftit mill-ferh li tilfu meta f'dan iz-zmien hassewhom mifruda mill-familja.

Il-helicopter rega' hadhom lura u flok f'lukanda Jake u ommu sabu ruhhom jghaddu l-lejl fl-arciveskovat ta' l-isqof malti ta' Tripli. Dan kien arragament li ghamel il-kappillan. L-isqof ma halliex l-okazzjoni tahrablu u dik il-lejla gabar lis-sorijiet u l-haddiema tal-kurja tieghu u semmaghhom il-priedka tat-tifel.

Qatt ma kienu raw haga bhal din li tifel jippridka lil adulti. L-isqof pero' kien semmilhom li f'Malta ghanda din l-uzanza.  L-ghada filghodu s-segretarju ta' l-isqof wasallhom sa' l-ajruport mnejn rikbu l-ajruplan lura ghal Malta.